A.L. 19 ta' l-1990

ATT TA' L-1976 DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (ATT NRU. XV TA' L-1976)

Ordni ta' l-1990 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1990 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 2).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fil-paragrafu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mill-15 ta' Jannar, 1990.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) Id-dar bin-numru 4, Area 10, Triq Ta' Giorni, Qasam tad-Djar tal-Gvern, San Ġiljan (Rural Tenement No. 51330).

(2) Id-dar bin-numru 12, Triq is-Sette Giugno 1919, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Victoria, Għawdex (Rural Tenement No. 80039).

(3) Flat numru 4, Blokk D2, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Ta' Xbiex.

(4) Flat numru 6, Blokk 9, Bieb A, Triq it-Tulipani, Qasam tad-Djar tal-Gvern, San Ġwann (Rural Tenement No. 51328E).

(5) Id-dar bin-numru 3, Triq il-Kamelja, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Santa Luċija.

(6) Id-dar bin-numru 95, Triq Tal-Borg, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Paola (Rural Tenement No. 50988 Pt. II).